# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 31 ta' Ottubru, 2016**

**Talba Nru: 530/2015/VG**

**FGL Entertainment Limited [C-41655]**

**Vs**

**Elizabeth Aquilina [K.I. Nru. 206371M] u b'digriet datat 14 ta' Marzu, 2016 il-kunjom Aquilina gie imhassar u sostitwit bil-kunjom SPITERI**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta rikorrenti fid-9 ta' Lulju, 2015** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand l-intimata, tas-somma ta' erba' mija tlieta u tletin euro u erbgha u sittin centezmi ta' euro [€433.64c] u dan wara li ppremettiet hekk:

"1. Illi l-intimata akkwistat merkanzija minghand is-socjeta attrici, liema merkanzija giet ikkonsenjata lilha;

2. Illi l-intimata naqset milli thallas il-bilanc ta' erba' mija u tlieta u tletin Ewro u erbgha u sittin centezmu (€433.64) dovut minnha ghall-prezz tal-merkanzija lilha mibjugha u kkonsenjata (vide Dok. A);

3. Illi nonostante l-fatt li l-intimata giet interpellata diversi drabi sabiex thallas, inkluz permezz ta' ittra ufficjali mibghuta ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 bin-numru 1950/14 (vide Dok B), hija baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

GHALDAQSTANT, is-socjeta attrici qieghda titlob lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna u jordna lill-intimata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erba' mija u tlieta u tletin Ewro u erbgha u sittin centezmu (€433.64) oltre l-imghax dovut sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali mibghuta ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 bin-numru 1950/14 (vide Dok C), kontra l-intimata li hija minn issa ngunta in subizzjoni"

Ra **r-risposta tal-intimata** minnha mressqa fid-9 ta' Dicembru, 2015 u li permezz taghha gie eccepiet hekk:

"1) Illi l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur tal-artikolu 2148 (b) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) Illi l-merkanzija kienet difettuza u ma kienitx taqdi l-iskop taghha.

3) Illi m'hemmx lok ghal ispejjez tal-ittra ufficjali stante li din qatt ma giet notifikata.

4) Salv eccezzjonijiet ulterjuri".

Ra l-verbal tal-14 ta' Marzu, 2016 fejn id-difensuri tal-partijiet qablu li l-merkanzija imsemmija fit-talba hija Laptop u li kien hemm ftehim bil-miktub bejn il-partijiet li l-pagament dovut mill-intimata seta jithallas

ratejalment. L-ewwel pagament kellu jsir fl-1 ta’ Novembru, 2012 u l-ahhar pagament kellu jsir sa zmien sena minn dik id-data. Il-partijiet qablu wkoll li l-intimata ghamlet tlett pagamenti oltre d-depositu u dan skont ma hemm indikat fid-dokument A a fol. 2 tal-process.

Ra l-ahhar verbal fejn it-Talba giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Semgha t-trattazzjoni;

Ikkunsidra;

1. Is-socjeta rikorrenti permezz tat-talba odjerna qeghda titlob il-hlas minghand l-intimata tas-somma ta’ erba’ mija tlieta u tletin euro u erbgha u sittin centezmi ta’ euro [€433.64c] rapprezentanti l-bilanc dovut ghar-rigward ta’ Laptop li l-intimata kienet xtrat minghandha. L-intimata da parti taghha qalet li l-azzjoni odjerna hija perenta a tenur ta’ l-artikolu 2148 (b) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u li f’kull kaz, dan il-laptop kien difettuz u ma kienx jaqdi l-iskop tieghu. Ghar-rigward ta’ l-ispejjez qalet li hija ma ghandhiex thallas l-ispejjez ta’ l-ittra ufficjali l-ghaliex din qatt ma giet notifikata lilha.

Ikkunsidra ulterjorment;

2. L-ewwel eccezzjoni ta’ l-intimata hi li l-azzjoni tas-socjeta rikorrenti hija perenta a tenur ta’ l-artikolu 2148 (b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta li jghid li “*L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta’ tmintax-il xahar: (b) l-azzjonijiet ta’ kredituri għall-prezz ta’ merkanzija, oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobbli, mibjugħa bl-imnut*”. Issa f’dan il-kaz, l-intimata xtrat il-laptop minghand is-socjeta rikorrenti fis-17 ta’ Ottubru, 2012 (dok. FGL3 a fol. 36). Kien gie miftiehem ukoll li l-hlas kellu

jsir mensilment fl-ammont ta' €54.18c b'effett mil-1 ta' Novembru, 2012 (fol. 39). Sussegwentement fl-1 ta' Dicembru, 2012, fit-28 ta' Jannar, 2013 u fit-18 ta' Marzu, 2013 saru l-pagamenti da parti tal-intimata skont ma jirrizulta mid-dokument "A" (fol. 2). Il-pagamenti waqfu jsiru u fl-24 ta' Settembru, 2014 giet intavolata ittra ufficjali a tenur ta' l-artikolu 166A tal-Kap. 12 (dok. B fol. 3) mis-socjeta rikorrenti kontra l-intimata, liema ittra ufficjali baqghet qatt ma giet notifikata u imbaghad fid-9 ta' Lulju, 2015 giet intavolata t-Talba odjerna u fid-9 ta' Dicembru, 2015 intavolat ir-risposta taghha.

3. Mill-provi jirrizulta li l-intimata qalet li l-Visa Card taghha kienet insterqet u allura kienet infurmat lill-bank sabiex twaqqafha. MInhabba f'hekk, il-pagamenti li l-intimata kienet intrabtet li taghmel lis-socjeta rikorrenti waqfu. Il-*credit controller* tas-socjeta rikorrenti Alice Abela, malli rat li l-pagamenti mifthiema ma baqghux isiru kienet ikkomunikat ma' l-intimata u talbitha l-hlas. L-intimata da parti taghha taghtha numru ta' *card* ohra. Issa skont id-dokument esebit a fol. 39, l-ahhar pagament kellu jsir fl-1 ta' Settembru, 2013. Fit-22 ta' Settembru, 2013 intbaghtet ittra mill-avukat tas-socjeta rikorrenti fejn intalab il-hlas ta' l-ammont reklamat f'dawn il-proceduri. L-intimata qalet li ma tiftakarx jekk kienitx irceviet din l-ittra. Imbaghad fl-24 ta' Settembru, 2014 giet intavolata l-ittra ufficjali (fol. 32) izda mill-atti jirrizulta li din qatt ma giet notifikata lilha. Fid-9 ta' Lulju, 2015 giet intavolata t-Talba odjerna u l-intimata dahlet ir-risposta taghha fid-9 ta' Dicembru, 2015.

4. L-ewwel u qabel kollox, it-Tribunal ghandu jiddeciedi jekk l-artikolu citat mis-socjeta kjamata fil-kawza huwiex applikabbli ghal kaz odjern. L-artikolu 2148 (b) tal-Kap. 16 jwaqqa l-azzjonijiet ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra simili, mibjugha bl-imnut. Fil-gurisprudenza taghna nsibu li l-kriterju direttiv biex wiehed jiddistingwi l-grossista mid-dettaljatur hu dak li, filwaqt li l-ewwel wiehed aktarx ibiegh lil min jikkumercja fil-haga, it-tieni wiehed ibiegh aktarx lill-konsumatur u fi kwantitajiet zghar mizurati mill-bzonn tal-istess konsumatur – dak li jfisser

illi l-kummerc bl-imnut jikkonsisti fir-rivendita f'partiti zghar ta' merci jew derrati li tal-hanut ("bottegaio") jew minutant jixtri minn ghand negozjant[1].

5. Il-ligi taghna, kif diga rajna, tuza l-kliem 'ta' kredituri' u mhux il-kliem 'ta' kummercjanti'; u ma tuzax il-kelma 'merci' biss, kif f'xi ligi barranija, per ezempju t-taljana, imma zzid ukoll il-kliem 'oggetti jew hwejjeg ohra mobbli'; u ma tuzax il-kliem 'mibjugha lil persuni li ma jezercitawx il-kummerc'; imma tuza l-kelma 'bl-imnut', li mhix uzata fil-ligi taljana; u allura, skond il-ligi taghna, wiehed ghandu jara biss jekk l-operazzjoni kienetx ghall-ingrossa jew bl-imnut, billi l-ligi taghna tikkunsidra biss il-vendita tal-hwejjeg fuq indikati fiha nnfisha u l-kwantitattiv fornit biss[2].

6. Peress li l-ligi taghna tuza l-kelma 'bl-imnut', jidher car li tikkontempla lil dawk kollha, kummercjanti jew le li jbieghu oggetti ta' konsum gjornalier, tant lil min hu kummercjant kemm lil min mhux. L-espressjoni 'bl-imnut' talludi bilfors ghal hwejjeg zghar; u dan, li l-haga tkun ta' entita zghira, kien il-motiv li gieghel lil-legislatur jistabbilixxi preskrizzjoni qasira, billi mhix haga solita, u lanqas li wiehed ghandu jistenna, li min ibiegh jaghti kreditu ghal zmien twil f'vendita ta' hwejjeg zghar[3].

   Issa f'dan il-kaz, il-bejgh, fil-fehma tat-Tribunal ma jistax jigi kunsidrat bhala wiehed ta' haga zghira ta' konsum gjornalier u ghaldaqstant ma jistax jigi kkunsidrat bhala bejgh bl-imnut. Il-bejgh f'dan il-kaz kien ta' laptop u ghalhekk kif diga nghad, ma jistax jitqies bhala xi haga zghira ta' konsum ta' kuljum. Ghalhekk din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni a tenur ta' l-artikolu 2148(b) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta mqanqla mill-intimata qeghda tigi michuda ghax ma hijiex applikabbli ghal kaz odjern.

7. It-tieni eccezzjoni tal-intimata hija li l-merkanzija kienet difettuza u ma kenitx taqdi l-iskop taghha. Dwar dan il-punt, l-intimata qalet li hija kellha problema ghar-rigward tac-*charger* ta' da nil-laptop u dan fis-sens li hekk

---

[1] **Grazio Debattista vs Nichele Galea** deciza mill-Qorti tal-Kummerc nhar it-23 ta' Mejju, 1961 per Onor. Imhallef T. Gouder;
[2] Ibid.
[3] Ibid.

"*kif appena nnehhi c-charger tieghu minn mal-eletriku c-charge tal-battery tal-laptop kwazi taqa mal-ewwel*" (fol. 27). Din il-problema kompliet tghid l-intimata kienet bdiet kwazi mil-bidu. Minhabba f'hekk, l-intimata xtrat battery ohra minghand terzi izda minkejja li hija biddlet il-battery, xorta baqa jigri l-istess haga. Hija stqarret lui ghalkemm kienet marret ghand l-addetti tas-socjeta rikorrenti biex tghidilhom b'din il-problema, hija qatt ma halliet il-laptop maghhom. Minflok hija kienet haditu ghand computer technician bl-isem ta' Ettore li kien issuggerielha li tbiddel il-battery kif fil-fatt ghamlet. Il-problema xorta wahda, minkejja da nil-fatt, baqghet hemm. L-intimata qalet ukoll li hija kellha problema bil-USB u cioe li meta hija kienet xtrat il-laptop, din kienet tidhol fl-islot taghha, izda imbaghad sussegwentement ma baqghetx. Ghalqet ix-xhieda taghha billi qalet li hija kienet qeghda tispicca tuza l-laptop biss meta tkun tista tqabdu direttament mad-dawl u ghalhekk hija ma setatx tuzah kullimkien. Qalet li l-iskop li ghalih kienet xtrat dan il-laptop kien sabiex tkun tista tuzah l-universita imma minhabba l-problema tal-battery hija ma setatx taghmel dan. In kontro-ezami, hija qalet li minkejja li ghandu dawn il-problemi, l-laptop in kwistjoni ghadu jahdem sal-lum. Hija qalet ukoll li hija dejjem marret fis-*showroom* ta' l-Imriehel u qatt ma haditu r-*repair centre* tas-socjeta rikorrenti gewwa l-Marsa. Alice Abela, il-*financial controlerr* tas-socjeta rikorrenti qalet li meta l-pagamenti ma baqghux isiru, hijab diet iccempel lill-intimata. Cemplitilha zgur tlett darbiet u f'dawn it-tlett okkazzjonijiet li kellmitha personalment, l-intimata "*qatt ma lmentat mieghi li l-computer kien bil-hsara*" (fol. 41). Sussegwentement, xehed Mario Sacco, *manager* fis-*service centre* tas-socjeta rikorrenti li qal li f'April, 2016 u allura waqt il-proceduri odjerni, d-dipartiment tieghu ezamina da nil-laptop. Qal li "*ahna kkonfermajna li kien hemm problema bil-USB's li qeghdin imqabbdin mal-main board, kien hemm problema wkoll bil-battery, sibna wkoll li fil-laptop kien hemm xi viruses u software iehor li kien qieghed hemmhekk ghalxejn*" (fol. 49). Zied ighid li "*l-aktar haga li dejqitni minn da nil-laptop huwa c-charger li kien qieghed jintuza*" (fol. 49) u dan peress li l-*wires* tieghu kienu mqaxxrin. Huwa fil-fatt esebixxa zewg ritratti in sostenn ta' dan (fol. 52 u 53). Qal li c-*charger* tal-laptop kif inhu, huwa perikoluz u jista jaghmel il-

hsara lill-laptop innifsu. Dwar il-kundizzjoni tal-*wire* tac-*charger* huwa qal li dan ma jigrilux dik il-hsara bil-*wera and tear* izda minhabba traskuragni. Ghar-rigward tal-*battery* huwa qal li l-intimata kienet thalli l-laptop il-hin kollu mixghul mad-dawl u allura l-*battery* qatt ma kienet tiddiscargja. Qal li anke dan huwa hazin l-ghaliex hekk il-*battery* ma tkunx qed tahdem. Qal ukoll li kien difficli tghid meta grat din il-hsara lill-laptop anke l-ghaliex l-intimata qatt ma hadet da nil-laptop ghandhom u allura ma kellhomx notamenti. Dwar il-USB's qal li dawn ma humiex jahdmu u jifformaw parti mill-*motherboard*. Mistoqsi kif grat din il-hsara ghar-rigward tal-USB's huwa qal li ma jafx. Anke l-*performance* tal-laptop kien wiehed *slow* u dan minhabba l-*viruses* li kien hemm fih. Huwa esebixxa tlett ritratti in sostenn ta' dan li jinsabu a fol. 54-56 tal-process. Ix-xhud Sacco esebixxa ukoll kopja tal-garanzija u qal li jekk il-*laptop* jinfetah minn xi had li ma jkunx awtorizzat allura l-garanzija tispicca. In kontro-ezami, huwa qal li meta jinxtara *laptop* minghandhom, jinghata ukoll *charger*. Ic-*charger* li kienet qeghda tuza l-intimata ghal mal-*laptop* kien ta' l-istess ditta bhal tal-*laptop* pero ma setax jghid b'certezza jekk kienx l-istess *charger* li huma kienu taw lill-intimata peress li ma kienx fih numru. Qal ukoll li bil-hsara li saret fuq il-*mainboard* il-*laptop* illum il-gurnata ma jistax jittranga. Biex jittranga jehtieg li "*tinbidel il-mainboard, jinbidel ic-charger, tinbidel il-battery u jigi fformatjat biex jitnehhew il-viruses kollha*" (fol. 50). Qal ukoll li meta tmur il-*mainboard* ma jaghmilx sens li tirranga l-*laptop.* Pero minkejja dan il-*laptop* ghadu jahdem l-ghaliex kieku ma kienux jigbdu l-*screen shots* li gew esebiti fil-process.

Ikkunsidra ulterjorment;

8. Illi ghar-rigward tal-hsara ftit li xejn hemm wiehed xi jghid. Din tezisti. Ma hemmx prova pero meta sehhet. L-intimata kellha kull opportunita li taghmel dan, izda fil-fehma tat-Tribunal naqset milli taghmel dan. Hija qalet li kienet biddlet il-batterija ta' da nil-*laptop* darbtejn izda baqghet qatt ma ipprezentat xi ricevuta in sostenn ta' dan. Lanqas qatt ma pprezentat xi rapport tal-*computer technician* bl-isem ta' Ettore li hija qalet li haditu

ghandu. Ghalhekk kollox ma kollox, t-Tribunal ma jistax jasal ghal konkluzzjoni li meta l-intimata xtrat da nil-*laptop* dan kien afflit minn xi hsara jew inkellha li ma kienx jaqdi l-iskop li ghalih kien inxtara.

9. Ghar-rigward ta' l-ahhar eccezzjoni u cioe li l-intimata ma ghandhiex tbaghti l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali datata 24 ta' Settembru, 2014 (fol. 3) l-ghaliex din baqghet ma gietx notifikata lilha, t-Tribunal jirrileva li saru diversi tentattivi sabiex l-istess intimata tigi notifikata izda dawn irrizultaw fin-negattiv. Mir-riferta a tergo ta' fol. 3 jirrizulta li kien hemm zewg tentattivi ta' notifika fejn ma fetah had u tentattiv iehor ta' notifika li pero baqghet *unclaimed*. Fix-xhieda taghha, l-intimata qalet li l-indirizz indikat fit-Talba huwa taghha. L-istess indirizz intuza fl-ittra ufficjali u fl-ittra legali (fol. 31). Ghalhekk zgur li ma huwiex it-tort tas-socjeta li l-intimata ma rcevietx din l-ittra u ghalhekk hija ghandha taghmel tajjeb ghal istess.

10. Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet ta' l-intimata, qieghed jilqa t-Talba tas-socjeta rikorrenti u konsegwentement qieghed jikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' erba' mija tlieta u tletin euro u erbgha u sittin centezmi ta' euro [€433.64c] bl-imghaxijiet legali jibdew jiddekorru fuq dan l-ammont mid-data ta' meta l-ammonti kienu dovuti minnha u cioe mil-1 ta' April, 2013 sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali 1950/14, jithallsu mill-intimata.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**